MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 57/2013

**Raymond Zammit**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fid-29 ta` Lulju 2013 li jaqra hekk –

*Sfond fattwali*

*L-esponent, li ggradwa l-Universita` f`B.Sc fil-Communication Therapy, fiz-zmien relevanti u cioe` meta huwa kien imdahhal f`ghadd ta` serqiet ma` certu Brian Pace u anke qabel u sussegwenti ghal tali serqiet, kien qed jahdem mal-iSpeech-Language Department anness mad-Dipartiment tal-Kura Primarja fil-kapacita` ta` speech therapist u kif jirrizulta minn certifikat emessi minn Dr Rita Micallef fil-kwalita` taghha ta` Direttur tal-iSpeech-Language Department l-esponent dejjem iwettaq id-dmirijiet tieghu f`dan ir-rigward skrupolozament u b`dedikazzjoni. (Dok. A). Huwa fatt li fil-kors tat-twettieq tad-dmirijiet tieghu kien hemm ghadd ta` pazjenti assenjati lir-rikorrent li kienu affetti minn inkapacita` assoluta u konsegwentement ma kinux kapaci li jitkellmu izda permezz tat-terapija li rcevew minghand l-esponent gie registrat progress notevoli tant li l-inkapacita` taghhom saret relativa.*

*Pero`, fl-isfond tat-taqlib psikologiku li kien ghaddej minnu l-esponent fiz-zmien relevanti u anki qabel, konsistenti fi krizi dwar l-orjentazzjoni sesswali tieghu u fil-kuntest ta` din il-krizi, huwa kien beda jiffrekwenta zaghzugh iehor li kien dilettant kbir tal-antikita` izda li kien omosesswali u cioe` Brian Pace u li wkoll kien psikologikament instabbli tant li kien koinvolt f`diversi episodji ta` suwicidju anke fiz-zmien relevanti. Pace kien jidhol f`postijiet abbandunati jew li ma kinux frekwentati mis-sidien bl-iskop li jisraq l-antikita` li talvolta kienet tinstab f`dawn il-postijiet. In vista tal-instabbilita` psikologika tar-rikorrent huwa kien beda johrog ma` dan iz-zaghzugh bl-iskop preciz li jkun fil-kumpanija ta` dan iz-zaghzugh ghalkemm fattwalment ghen lil Pace biex igorr il-proprjeta` misruqa. Pero`, ghalkemm hu l-kaz li l-esponent assista lil Pace fil-garr tar-rifurtiva ma kellu ebda intenzjoni li jaghmel xi qligh jew li jakkwista xi parti minnha.*

*Eventwalment ir-rikorrent u Pace gew arrestati mill-Pulizija u kienu tressqu quddiem il-Qorti kompetenti fejn huma ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom u fid-dawl ta` tali ammissjonijiet giet emessa sentenza sospiza a tenur tal-provvedimenti tal-Artiklu 28(a) tal-Kodici Kriminali fil-konfront taz-zewg imputati. Sussegwentement l-Avukat Generali ressaq rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn inter alia gie sottomess li fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tal-Magistrati kienet tenuta li tinfliggi piena karcerarja u in oltre ssottometta li l-Artiklu 21 tal-Kodici Kiminali ma kienx applikabbli billi ma kinux jikkonkorru ragunijiet 'specjali u straordinarji' li kienu jiggustifikaw li tigi nflitta piena nferjuri ghall-minimu kontemplat mil-Ligi nkluz naturalment sentenza sospiza. Dan minkejja li l-esponent kellu fedina penali mpekkabbli, li kien ikkopera mal-Pulizija, li r-rifurtiva kienet kollha giet rintraccjata u li kien ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kriminali relativi. F`dan ir-rigward l-esponent qed jesebixxi estratti mill-inkartament relativ ghall-proceduri mizmuma quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Dok. B).*

*Fil-frattemp gew istitwiti proceduri quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku ntizi ghat-tkeccija tal-esponent mis-servizz pubbliku. Fil-kuntest ta` dawn il-proceduri l-esponent kien ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub u in oltre ressaq dikjarazzjoni guramentata li permezz taghhom l-isfond ta` dan il-kaz gie spjegat in extenso. Huwa gie wkoll awtorizzat li jispjega l-isfond ta` dan il-kaz bil-fomm.*

*Fid-dawl tal-provi li tressqu u tas-sottomissjonijiet li saru bil-miktub u oralment l-PSC ma ordnatx it-tkeccija tal-esponent mill-impieg tieghu mal-Gvern u minflok huwa nghata twissija ta` tkeccija u gie sospiz mis-servizz ghal perjodu ta` tlett ijiem.*

*Ghal fini ta` pratticita` r-rikorrent jirreferi ghall-faxxiklu ta` dokumenti relativ ghall-proceduri mizmuma quddiem il-PSC u li jinkludi sottomissjonijiet bil-miktub u dikjarazzjoni guramentata li tressqu minnu fil-kors tal-proceduri quddiem il-PSC fejn tirrizulta spjegazzjoni esawrienti dwar l-isfond verament singolari izda fl-istess hin pietuz sfortunat ta` dan il-kaz-sfond essenzjalment ta` natura psikolgika (Dok. C).*

*<u>Bazi legali tal-ilment</u>*

*B`rikors ta` appell prezentat mill-Avukat Generali fis-27 ta` Jannar 2011 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali t-tezi tal-istess kienet fondamentalment fis-sens li filwaqt li fic-cirkostanzi l-Qorti tal-Magistrati kienet tenuta li tinfliggi piena ta` prigunerija, l-Avukat Generali sahaq li ma kinux jissussistu c-cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 21 tal-Kodici Kriminali li kienet tiggustifika li l-Qorti kompetenti tnaqqas il-piena kontemplata mil-Ligi taht il-minimu mpost mil-ligi a bazi tal-kriterju li kienu jikkonkorru cirkostanzi 'specjali u straordinarji' li kienu jiggustifikaw li l-esponent ma jigix ikkundannat ghal piena ta` prigunerija, per ezempju, b`applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artiklu 28(a) tal-Kodici Kriminali.*

*Huwa evidenti li l-unika opportunita` li kellu l-esponent fil-kors tas-smigh tal-appell li juri lill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li effettivament kien hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 21 tal-Kodici Kriminali, kienet tissussisti li kieku huwa nghata l-opportunita` li jixhed huwa stess molto piu billi si trattava ta` appell relatat mal-piena u mhux mal-mertu. Effettivament fil-kors tas-smigh tal-appell u precizament waqt is-seduta tat-18 ta` April 2013 saret talba mir-rikorrent (u anke mill-imputat l-iehor, Brian Pace) biex jixhed skont dak li jinghad fl-Artiklu 506 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali. Bhala fatt l-Avukat Generali oppona din it-talba billi rritiena li din it-talba ma setghetx tigi milqugha billi l-appell kien gie ntavolat mill-Avukat Generali. F`dan ir-rigward ghandu jigi emfasizzat li t-talba dedotta fir-rikors tal-appell in kwantu jirrigwarda lill-esponent kellha implikazzjonijiet gravi hafna stante li l-Avukat Generali kien qed jitlob li s-sentenza moghtija fl-Ewwel Grad li permezz taghha gew applikati l-provvedimenti tal-Artiklu 28(a) tal-Kodici Kriminali kellha tigi annullata u mhassra u li minflok kellha tigi mposta piena karcerarja effettiva ta` tletin xahar fuq persuna li kellha fedina penali netta. Pero`, minkejja din ic-cirkostanza, ma jistax ma jigix osservat li din kienet mossa tattika ntiza biex l-esponent jigi ostakolat u mxekkel milli jiddeponi biex konsegwentement, l-esponent minkejja li first time offender, gie espost ghall-piena karcerarja. Filwaqt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qablet ma` din it-tesi, cahdet it-talba tal-appellati u ordnat li l-kaz jigi trattat. Pero` t-trattazzjoni kienet monka stante li ma setghet issir ebda referenza ghall-isfond psikologiku verament singolari li kkaratterizza lil dan il-kaz in vista tal-opposizzjoni tal-Avukat Generali u d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li tichad it-talba tar-rikorrent biex jiddeponi oltre t-talba tal-imputat l-iehor Brian Pace. In segwitu, b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta` Lulju tas-sena korrenti t-talbiet tal-Avukat Generali gew milqugha u r-rikorrent gie kkundannat piena karcerarja ta` tletin xahar. (Dok. D).*

*Issa apparti l-fatt li l-Artiklu 506 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali jaghti diskrezzjoni wiesa hafna lill-Qorti tal-Appell Kriminali li tammetti l-produzzjoni tax-xhieda fl-istadju tal-Appell din id-disposizzjoni ma tiddisponix, fir-rigward ta` xhieda li setghu jigu mgieghla li jixhdu fl-Ewwel Grad, li t-talba ghal produzzjoni ta` tali xhieda tista` titressaq esklussivament mill-appellant. L-istess japplika ghall-ewwel parti tas-sub-inciz (c) u del resto ghas-sub-inciz (a) tad-disposizzjoni riferita. Mill-banda l-ohra t-tieni parti tas-sub-inciz (c) ta` din id-disposizzjoni tillimita talba simili ghall-appellant meta l-appell ikun tressaq mill-imputat.*

*Pero` fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni wiesa` moghtija lill-Qorti tal-Appell Kriminali f`dan ir-rigward kien impellenti li t-talba tal-esponent tigi milqugh in omagg ghall-principju tal-'equality of arms' li ghandu jikkaratterizza kull process penali. In difett kien jinholoq (kif in effetti nholoq) zbilanc processwali li kien jiggova u effettivament sahhah il-pozizzjoni legali tal-Avukat Generali u mill-banda l-ohra ppregudika gravement il-pozizzjoni legali tar-rikorrent. In effetti, it-tesi tal-Avukat Generali (gia` spjegata fir-rikors tal-appell minnu ntavolat dettaljatament), fl-istadju tas-smigh tal-appell relattivament ghall-applikabilita` o meno tal-Artiklu 21 tal-Kodici Kriminali setghet tigi ventilata u msahha ulterjorment bhala konsegwenza diretta tal-fatt li l-potenzjalita` biex ir-rikorrenti jirribatti t-tesi tal-Prosekuzzjoni senjatament bix-xhieda tieghu, giet menomata. Di fatti l-esponent gie michud mill-possibilita` li juri lill-Qorti tal-Appell Kriminali li effettivament l-Artiklu 21 seta` kien applikabbli fil-fattispeci ta` dan il-kaz. Fl-istess hin dik l-Onorabbli Qorti mminat il-possibilita` li jkollha sfond li a bazi tieghu tikkonstata jekk kien hemm lok ghall-applikabilita` tal-Artiklu 21 o meno. Ma jaghmilx sens, fl-isfond tal-provvedimenti tal-Artiklu 39(6(d) tal-Kostituzzjoni u tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li l-Avukat Generali kien intitolat a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 506 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali (fejn applikabbi) li jressaq ix-xhieda (talba li fil-fatt ma saritx imma ex ipotesi setghet issir kieku kien hemm interess) u li dan ma kienx japplika fir-rigward tar-rikorrent. Pozizzjoni lagali simili certament tikkonfliggi mal-principju tal-'equality of arms' billi evidentement tivvantaggja l-qaghda tal-Avukat Generali u tizvantaggja markatament il-qaghda tar-rikorrent. Timmina wkoll id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jkollu l-istess facilitajiet bhall-Avukat Generali biex iressaq ix-xhieda u cioe` f`dan il-kaz, ix-xhieda tieghu stess. Huwa manifest li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tichad it-talba tal-esponent li jixhed a bazi tal-Artiklu 506 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali kellha l-effett, f`dak li tirrigwarda l-applikabilita` o meno tal-Artiklu 21 tal-Kodici Kriminali : -*

1. *Li tohloq zbilanc processwali li ffavorixxa t-tesi tal-Avukat Generali;*

*2. Li timmina l-principju tal-equality of arms;*

*3. Li timmina d-dritt fondamentali tar-rikorrent li jixhed dwar l-isfond fattwali ta` dan il-kaz biex jiggustifika l-applikabilita` tal-Artiklu 21 tal-Kodici Kriminali. Dan seta` jaghti lok inter alia ghall-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artiklu 28(a) tal-Kodici Kriminali anke fil-konfront tar-rikorrent.*

*Di fatti m`hemm ebda dubbju li konsegwenza tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell giet prodotta sitwazzjoni li hi fis-sens li una volta li l-Avukat Generali ntavola l-appell ipso facto r-rikorrent tilef id-dritt fondamentali li jixhed fi process penali li kien jirrigwardah b`mod li gie espost b`mod palez ghal piena karcerarja u dan mhux tollerabbli jew accettabbli fi Stat ta` Dritt billi tistultifika lil dan id-dritt apparti l-principju tal-equality of arms. Dan jimplika li l-Avukat Generali ma setax jippretendi li ghax l-appell tressaq mill-istess, l-Avukat Generali biss kien intitolat li jsostni t-tesi tieghu kif espost bil-miktub fir-rikors tal-appell u amplifikat fl-istadju tas-smigh tal-appell u anke jekk ikun il-kaz, iressaq ix-xhieda in sostenn ta` din it-tesi u fl-istess hin jimplika li l-Avukat Generali kellu d-dritt li jsikket lir-rikorrent milli jirribatti t-tesi tal-Avukat Generali kif fil-fatt gara f`dan il-kaz meta l-Avukat Generali oppona ghat-talba tal-esponent li jixhed propju biex jirribatti tali tesi tal-Avukat Generali. Dan a bazi tal-pretest li l-Avukat Generali kien ressaq l-appell bl-implikazzjoni li l-esponent kien tenut li jirrinunzja ghad-dritt fondamentali tieghu li jippretendi li l-process penali li ghalih kien parti ghandu jkun bilancjat u mhux zbilancjat favur l-Avukat Generali u li konsegwentement jabdika mid-dritt fondamentali li jippretendi li jkollu l-istess facilitajiet bhall-parti akkuzatrici u li jipproduci x-xhieda u cioe` f`dan il-kaz, ix-xhieda tieghu stess kif previst mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja.*

*F`dan ir-rigward ir-rikorrent jippreciza li l-ilment tieghu huwa relatat principalment mal-effetti tad-decizjoni tal-Onorabbil Qorti tal-Appell li tichad it-talba tieghu li jiddeponi fid-dawl tar-ramifikazzjonijiet evidenti tal-appell intavolat mill-Avukat Generali fir-rigward tal-kwistjoni tal-piena kif ukoll referibbilment ghas-sentenza konsegwenzjali moghtija fl-isfond ta` din id-decizjoni, tenut kont il-konsegwenzi verament devastanti li l-appell seta` kellu u fil-fatt kellu fuq il-hajja tal-esponent inkluz dik professjonali li sfaw litteralment imfarrka. Izda aktar deciziv fir-rigward huma l-effetti li din id-decizjoni u s-sentenza li nghatat in segwitu kellha fil-kuntest tad-drittijiet fondamentali tal-esponent billi kienu kjarament lesivi u di fatti lledew id-drittijiet fondamentali tieghu.*

*Fl-ahharnett filwaqt li qed jigi premess li l-esponent mhuwiex permezz tal-prezenti qed jittenta jappella ulterjorment mid-decizjoni u s-sentenza surriferiti medjanti din l-Onorabbli Qorti kif jigi suggerit ripetutament mill-Avukat Generali f`kazijiet konsimili r-rikorrent pero` jemfasizza li effettivament l-ilment tieghu huwa prettament ta` indoli kostituzzjonali u huwa referibbli ghall-kwezit jekk fi Stat ta` Dritt il-garanziji konstituzzjonali li johorgu mill-Artiklu 39 ta` Kostituzzjoni oltre l-garanziji li johorgu mill-Artiklu 6 ta` Konvenzjoni Ewropeja huma abrogati fil-kaz ta` kawza penali fl-istadju tal-Appell meta l-appell jitressaq mill-Avukat Generali u jigu nvokati l-provvedimenti tal-Artiklu 506 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali mill-appellat f`liema kaz id-drittijiet fondamentali prospettati mill-imsemmija disposizzjonijiet ma jibqghux gerarkikament erga omnes izda ghall-kuntrarju ma jibqghux jiswew il-karta li jinsabu miktubin fuqha.*

*Ghaldaqstant l-esponent, fid-dawl tas-suespost, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha : -*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni mehuda mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali waqt is-seduta mizmuma quddiem dik l-Onorabbli Qorti fit-18 ta` April 2013 li permezz taghha giet michuda t-talba tar-rikorrent biex huwa jiddeponi ghat-tenur tal-Artiklu 506 tal-Kodici ta` Procedura Kriminali kif ukoll is-sentenza moghtija fl-4 ta` Lulju 2013 wasslu biex jigu vjolati d-drittijiet fondamentali tal-esponent imharsa mill-Artiklu 39(6)d tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6(3)d tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*2. Thassar, tirrevoka u tannulla d-decizjoni riferita u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Raymond Zammit u Brian Pace' fl-4 ta` Lulju 2013 in kwantu tirrigwardah ;*

*3. F`kaz li tigi milqugha t-tieni domanda, tirrinvija l-atti processwali relattivament ghall-kawza riferita lill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghad-definizzjoni ulterjuri taghha, jekk ikun il-kaz ;*

*4. Tordna li r-rikorrent jitqieghed fl-istess status li kien qabel il-prolazzjoni tal-imsemmija sentenza u konsegwentement tordna l-liberazzjoni mmedjata tar-rikorrent mill-Facilita` Korrezzjonali ta` Kordin pendenti r-ri-definizzjoni tal-imsemmija kawza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell jekk ikun il-kaz.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fit-8 ta` Awwissu 2013 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, l-Avukat Generali jibda billi jtenni li d-dahla tar-rikors kostituzzjonali marbuta mal-isfond psikologiku u karatterjali tar-rikorrent u kif ukoll il-bicca l-kbira tal-materjal dokumentarju li gie mehmuz mar-rikors kostituzzjonali, bhall-ittra ta` riferenza dwar il-hiliet professjonali u socjali tar-rikorrent* ***(Dok. A)*** *u l-atti mehuda mill-faxxiklu tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku b`rabta mal-proceduri dixxiplinari li l-istess rikorrent kellu quddiem din il-Kummissjoni* ***(Dok. C)*** *huma ghal kollox irrilevanti ghall-finijiet ta` dawn il-proceduri kostituzzjonal i;*

*Ghalkemm l-esponent certament jissimpatizza mar-rikorrent jekk tassew huwa kellu dak it-taqlib psikiku u fizjologiku li jissemmew fir-rikors kostituzzjonali u anke fl-affidavit tieghu (mhux iffirmat) li jaghmel parti mad-dokumentazzjoni tal-proceduri ta` quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, madankollu l-kwistjoni kollha li trid tigi deciza f`din is-sede minn din l-Onorabbli Qorti mhijiex jekk ir-rikorrenti minhabba l-istorja tieghu kienx haqqu li jiehu sentenza ta` habs effettiv jew le, izda jekk il-Qorti ta` l-Appelli Kriminali fil-verbal tat-18 ta` April 2013 kisritx il-jedd ta` smigh xieraq tieghu meta ma laqghetx it-talba tieghu biex jithalla jixhed quddiemha fil-parametri tal-* ***artikolu 506(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta ;***

*Tabilhaqq l-uniku punt kontrovers li jehtieg illi jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti huwa jekk bic-cahda ta` din it-talba l-Qorti ta` l-Appell Kriminali tatx lill-prosekuzzjoni xi vantagg procedurali u ingustifikat fuq ir-rikorrent bi ksur tal-principju tal-equality of arms. Minn din il-perspettiva huwa bil-bosta evidenti li r-riferenza u l-enfazi kollha maghmula mir-rikorrent dwar l-istat mentali tieghu fil-mument li twettqu s-serqiet inkriminanti saru biss biex jiddevjaw il-veru kwistjoni li trid tinqata` f`din il-kawza. Ghalhekk dawn ir-riferenzi dwar il-qaghda mentali passata tar-rikorrent m`ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta` dawn il-proceduri u anzi ghandhom jigu mwarrba ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, b`rabta specifika mal-ilment ta` ksur tal-jedd ta` smigh xieraq kif imqanqal fir-rikors promotur, l-esponent jissokta billi jghid li materji li ghandhom x`jaqsmu mal-kwantum jew xorta ta` piena u mal-mod kif din tigi mahduma jmorru lilhinn mill-ambitu tal-kuncett ta` smigh xieraq kif imhares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ;*

*Kif tajjeb intqal aktar kmieni f`din is-sena mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Mario Borg vs. Kummissarju tal-Pulizija et** moghtija fil-25 ta` Jannar 2013, **"…** l-quantum tal-piena huwa mholli f`idejn il-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali u, sakemm dak il-quantum ikun fil-parametri li taghti l-ligi ghar-reati li dwarhom tinstab htija, u ghalhekk ma jkunx bi ksur tal-massima nulla poena sine lege, ma huwiex haga mhollija fil-kompetenza ta` din il-qorti."*

*F`dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni min-naha tar-rikorrent li l-piena moghtija mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali taqa` fil-parametri tal-ligi. La dan hu hekk, allura mhuwiex koncess ghar-rikorrent li jipprova jwaqqa` l-piena abbazi tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ;***

*3. Illi multo magis imbaghad, l-ammissjoni tar-rikorrent kienet wahda ghal kollox volontarja u ghalhekk l-esponent jifhem li huwa kien qieghed jassumi r-responsabilità shiha ta` dik id-decizjoni tieghu, b`dana li huwa kien qed jirrimetti ruhu*

*ghal kull decizjoni dwar piena li l-Ewwel Qorti jew il-Qorti tal-Appell setghet tasal ghaliha. Jigi b`hekk li sakemm il-piena erogata tkun fil-parametri tal-ligi mhuwiex lecitu ghal dak li jkun li jipprova jattakkaha ladarba huwa bl-ammissjoni tieghu stess ikun halla f`idejn il-Qrati biex jiddeciedu bid-destin tieghu ;*

*4. Illi fi kwalsiasi kaz ghalkemm ir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali jghid li b`dawn il-proceduri huwa mhuwiex qed jipprova jappella ulterjorment mid-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali, fil-verità però, dan huwa dak li qed jipprova jaghmel f`din l-istanza u cjoè li jittanta jikseb cans iehor biex ibiddel il-piena li giet moghtija lilu mill-Qorti ta` l-Appell Kirminal i;*

*Fl-umili hsieb tal-esponent biex wiehed jissellef mill-kliem uzat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***St. Paul`s Court Limited vs. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *maqtugha fl-20 ta` Dicembru 2000, dan ir-rikors huwa, ghal kollox insostenibbli u guridikament sospett propriju ghaliex dikjaratament jittanta jaghti lil din l-Onorabbli Qorti b`setghat kostituzzjonali, funzjoni ta` tribunal ta` kassazzjoni. Kif tkompli dik is-sentenza, "Hu car illi kieku din il-Qorti kellha tissokkombi ghat-tentazzjoni li kellha xi dritt jew funzjoni li tiddetermina jekk il-qrati ordinarji kienux segwew ir-regoli tal-procedura li jiggvernaw il-process u fejn dan jirrizulta ikun "ifisser mill-ewwel u awtomatikament li hemm lezjoni", tkun qed tarroga ghaliha nfisha funzjoni gurisdizzjonali li certament ma kellhiex. Ma jista` jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti kienet limitata biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni tal-jedd fundamentali kif allegat imma dan biss f`ricerka ta` jekk kienux jew le jirrizultaw l-elementi kostituttivi tal-lezjoni nfisha kif specifikati fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja u kif interpretati fil-gurisprudenza in materja. Hu allura manifestament skorrett guridikament li jigi asserit illi kull vjolazzjoni tar-regoli tal-procedura, anke jekk ta` certa rilevanza, necessarjament kellha tirrizulta f`lezjoni tal-jedd fondamentali" ;*

*Fl-ispecifiku f`dan il-kaz ir-rikorrent ma jistax jishaq b`success li nkisirlu l-jedd ta` smigh xieraq ghas-semplici fatt li l-Qorti ta` l-Appell Kriminali waqt is-seduta tat-18 ta` April 2013 ma taghtux awtorizzazzjoni biex jaghti x-xhieda tieghu fit-termini tal-* ***artikolu 506(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta****. Dan ghaliex il-ligi stess f`dak l-artikolu thalliha fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali biex tiddeciedi jekk ghandhiex tisma` xhieda godda jew le, u allura m`ghandniex sitwazzjoni fejn dik il-Qorti kienet marbuta li bilfors thalli li jitressqu xhieda godda. Issa jekk dik il-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha li ma tawtorizzax xhieda godda, ir-rikorrent ma jistax*

*jippretendi illi juza dawn il-proceduri kostituzzjonali biex sa certu punt `igieghel` lill-Qorti tal-Appell Kriminali tabilfors tisma` x-xiehda tieghu ;*

*Huwa f`dan is-sens li l-esponent jemmen li r-rikorrent qed jipprova jinqeda b`dawn il-proceduri biex jappella ulterjorment mid-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali. Ghalhekk dan it-tentattiv tieghu ghandu jigi mwarrab ;*

*5. Illi b`rabta ma` dan, wiehed ma jridx jinsa wkoll li strettament l-irwol propriju tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali huwa li sservi ta` qorti ta` revizjoni fuq dak li jkun sar u gie riprodott quddiem l-Ewwel Qorti. F`dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrent quddiem il-Qorti ta` Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali talab jew wera x-xewqa li jressaq xi provi orali jew dokumentarji rigwardanti l-qaghda mentali tieghu fil-mument tat-twettiq tar-reati bhalma lanqas ma talab li jigi mhejji xi pre-sentencing report fil-konfront tieghu. Ghalhekk la huwa ma pprezenta l-ebda prova quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kif issa r-rikorrent seta` jippretendi li huwa kellu jinghata c-cans li jressaq provi quddiem il-qorti ta` revizjoni, aktar u aktar meta wiehed iqis li ma kienx hu li kien qieghed jappella mis-sentenza izda l-Avukat Generali ;*

*F`dan il-kuntest huwa minnu li skont l-**artikolu 506 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta**, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ghandha diskrezzjoni wiesgha dwar jekk ghandhiex taccetta xhieda ulterjuri jew le, madankollu dan m`ghandux ifisser li l-awtorizzazzjoni ghandha tinghata b`mod awtomatiku jew b`mod legger. Ghall-kuntrarju tali permess, kif wara kollox dejjem kienet il-prassi tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali, ghandu jinghata biss f`cirkostanzi specjali u straordinarji li f`dan il-kaz ma kienx hemm, tenut kont li r-rikorrent stess quddiem l-Ewwel Qorti hass li ma kellux ghalfejn iressaq provi dwar il-piena ;*

*6. Illi minghajr hsara ghall-premess, ir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tieghu jaghfas hafna fuq il-fatt li kien importanti ghalih li jixhed quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali biex juri li kien hemm cirkostanzi specjali skont l-**artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta** li kellhom jissuggerixxu ghall-piena taht il-minimu preskritt mil-ligi. Fl-opinjoni tal-esponent dan l-argument tar-rikorrent huwa ghal kollox minghajr mertu ;*

*Ibda biex minn qari mirqum tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, moghtija fl-14 ta` Jannar 2011, li kopja taghha qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala* ***Dok. AG 1,*** *wiehed mill-ewwel jista` jintebah li l-Qorti tal-Magistrati ma qisitx li f`dan il-kaz kienu jezistu l-estremi ghalbiex jigi applikat l-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta****. Dan ghas-semplici raguni li biex dan l-artikolu jkun jista` jigi rez applikabbli huwa necessarju ex lege li l-Qorti tindika fis-sentenza liema kienu dawk ir-ragunijiet specjali u straordinarji li minhabba fihom il-piena kellha tmur taht il-minimu. Issa f`dan il-kaz, fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati la nsibu riferenza ghall-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta*** *u lanqas tismija ta` xi ragunijiet specjali u straordinarji dwar il-piena. Ghalhekk f`dan in-nuqqas kien ovvju li l-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex f`mohhha li tapplika d-dispost tal-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta*** *ghaliex kieku hija kienet taghmel riferenza ghalih ;*

*Illi ladarba fit-thaddim tal-piena l-Qorti ta` Magistrati ma kinitx irrikorriet ghall-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta*** *u b`hekk ma sabitx li fil-fattispecji tal-kaz kien hemm raguni tajba u/jew specjali biex il-piena tar-rikorrent tkun taht il-minimu, allura r-rikorrent ma setax jippretendi legalment li l-Qorti ta` l-Appell Kriminali kellha tapplika dan l-artikolu, meta wiehed iqis li r-rikorrent ma kienx appella espressament mis-sentenza biex ikun hemm temperament fil-piena fuq is-sahha tal-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta*** *;*

*Kieku ried ir-rikorrent seta` jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghaliex dik il-Qorti Inferjuri ma applikatx l-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta*** *u b`hekk il-Qorti ta` l-Appell Kriminali kien ikollha d-dover li tezamina jekk kinux jezistu l-estremi sabiex jigi applikat l-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*** *Però f`dan il-kaz ma kien hemm l-ebda appell ad hoc minghand ir-rikorrent dwar jekk kienx hemm cirkostanzi pekuljari li jimmilitaw favur l-applikazzjoni tal-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta****. Ghalhekk ladarba ma kienx hemm appell kontra l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma applikatx l-****artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta,*** *allura l-Qorti ta` l-Appell Kriminali ma setghetx lanqas ex officio tikkunsidra dan il-provvediment tal-ligi, b`dana li strettament din il-possibilità quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ma setghetx tigi prospettata ;*

*Tassew l-uniku punt li l-Qorti ta` l-Appell Kriminali kellha tiddeciedi huwa biss l-aggravju tal-Avukat Generali fuq jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx il-piena kif kontemplata fil-ligi jew le u b`hekk fin-nuqqas ta` aggravju specifiku dwar jekk kienx applikabbli l-**artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta**, il-Qorti ta` Appell Kriminali ma kellhiex is-setgha u l-obbligu li tidhol fih ;*

*Fi kwalsiasi kaz anke ghas-sodisfazzjoni tar-rikorrent, jidher mis-sentenza taghha, li l-Qorti ta` Appell Kriminali xorta hadet konjizzjoni tal-argumenti tar-rikorrent dwar l-applikabbilità tal-**artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta** izda waslet ghall-fehma li dan ma kellux isib applikazzjoni billi fi kliem il-Qorti, "kien hemm wisq incidenzi ta` serq biex jigu skartati kappriccjozament" ;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku stess wiehed kellu ghall-gieh tal-argument jiskarta l-eccezzjonijiet imsemmija aktar `il fuq, xorta wahda r-rikorrent m`ghandux ragun fl-assunt tieghu li quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali huwa garrab vjolazzjoni tal-principju tal-opportunjitajiet indaqs jew tal-`equality of arms` kif imhares kemm taht l-**artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni** u anke taht l-**artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea** ;*

*Tassew kemm il-prosekuzzjoni u kemm id-difiza gew trattati bl-istess mod ghaliex iz-zewg partijiet ma ressqux provi in sostenn tal-pozizzjoni rispettivi taghhom. Kienet tkun storja ohra li kieku l-prosekuzzjoni thalliet tressaq provi biex issahhah l-aggravju taghha u d-difiza ma thallietx li taghmel il-kontro-ezamijiet u/jew li ttella` l-provi taghha b`kuntrast ghal dawk migjuba mill-prosekuzzjoni. Izda però f`dan il-kaz quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ma kellniex din it-tip ta` sitwazzjoni ghaliex hadd mill-partijiet ma thalla jressaq provi a skapitu tal-parti l-ohra. Ghalhekk minn dan l-aspett iz-zewg partijiet gew trattati ugwalment ;*

*Maghdud ma` dan, il-punt li kellu jigi maqtugh mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali ma kienx marbut mal-fatt jekk kellux jigi applikat l-**artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta** ghaliex kif fuq imfisser, aggravju f`dan is-sens ma giex imressaq ghal quddiem il-Qorti ta` l-Appell. Kemm hu hekk, l-uniku punt li kellu jigi deciz kien wiehed purament legali u cjoè jekk il-piena mahduma mill-Qorti tal-Magistrati kelliex tiehu kont*

*tal-**artikoli 279** u **280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta** jew le. Ghalhekk trattasi minn punt ta` bixra legali ma kien hemm l-ebda htiega li jinstemghu provi ;*

*Fis-sewwa fil-hsieb tal-esponent kien ikun hemm zbilanc procedurali u vantagg mhux misthoqq favur ir-rikorrent li kieku huwa thalla jixhed quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ghaliex mhux biss huwa kien ha jixhed fuq punt legali li ma kienx mertu ta` xi aggravju interpost quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali izda kien ha jipprova jdahhal testimonjanza gdida fi stadju processwali ta` revizjoni meta generalment mhijiex konsentita xhieda ulterjuri bil-ghan specifiku li jipprova jinnewtralizza l-appell devolut mill-prosekuzzjoni. Dan l-argument jassumi aktar sahha meta wiehed iqis li l-appell ma kienx tar-rikorrent izda tal-prosekuzzjoni. Propriju ghalhekk il-Qorti ta` l-Appell Kriminali fid-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` April 2013 cahdet it-talba tar-rikorrent biex jithalla jixhed ghaliex peress li l-appell kien tal-Avukat Generali fuq dak li gara quddiem l-Ewwel Onorabbli, allura l-appellat ma setax jithalla jressaq provi biex jittanta jirkupra jew isewwi dak li ma twettaqx fl-ewwel sede biex jikkontrobatti l-appell tal-prosekuzzjoni ;*

*Ghaldaqstant mhux talli f`dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ksur tal-principju tal-equality of arms izda talli kien ikun hemm ksur li kieku r-rikorrent thalla jixhed quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ;*

*8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, lanqas ma hija korretta l-asserzjoni tar-rikorrent li huwa gie mxekkel li jixhed fil-process kriminali ghaliex jekk ried huwa kellu kull opportunità li jaghmel dan fl-ewwel sede quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Issa jekk huwa ghazel li ma jixhidx f`dik is-sede u lanqas biss appella mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, huwa ma jistax jippretendi li kellu jithalla jixhed fl-appell biex jittanta jeghleb aggravju ta` indoli legali mressaq mill-prosekuzzjoni ;*

*Taht dan il-profil, irid jinghad ukoll li huwa pjuttost ingust min-naha tar-rikorrent li fir-rikors kostituzzjonali jghid li l-Avukat Generali pprova jsikket lir-rikorrent milli jixhed fil-proceduri kriminali. Dan ghaliex wara kollox kienet il-Qorti ta` l-Appell Kriminali li ma taghtux il-permess illi jixhed quddiemha u mhux l-Avukat Generali ;*

*9. Illi fl-ahharnett is-sentenza finali tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali kienet wahda korretta ghaliex kien veru li l-Qorti tal-Magistrati naqset milli tapplika l-piena kif trid il-ligi ;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu. Peress li fil-fehma umili tal-esponent l-ilmenti mnanqla mir-rikorrent huma ta` natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk thoss li huwa l-kaz tikkunsidra l-applikazzjoni tal-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** u **l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta ;***

Rat id-dokumenti li kienu prezentati esebiti mar-risposta.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2013 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs Raymond Zammit et*" li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta` Lulju 2013.

Rat l-atti li gew allegati.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu bil-fomm id-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

**Ir-rikorrent Raymond Zammit**, meta kien prodott bhala xhud mill-intimat, u mistoqsi jekk kienx xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, wiegeb illi ma kienx xehed. Huwa kien ammetta l-akkuzi u ghalhekk ma kienx xehed. Ikkonferma d-dokumenti li pprezenta mar-rikors kostituzzjonali.

Il-provi tar-rikorrent kienu dokumentarji. Fost dawn il-provi kien hemm affidavit li r-rikorrent kien ipprezenta fil-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Hemm stqarr illi hu kellu zoghzija normali sal-eta` ta` 21 sena meta beda ghaddej minn taqlib psikologiku kbir. Matul dak iz-zmien kemm il-darba hareg ma` tfajliet u wahda minnhom in partikolari kien johrog maghha ta` spiss u darba wahda

kienet anke raqdet id-dar tal-genituri tieghu ghaliex kienu qed jippreparaw t-tezi tal-lawrja. Meta ghalaq il-21 sena, beda ghaddej minn taqlib fis-sens li beda jhossu migbud sesswalment lejn student ragel, universitarju bhalu, li sa fejn kien jaf hu ma kienx omosesswali. Beda jiggieled mieghu nnifsu biex jikkontrolla dik il-gibda, u billi kellu l-impressjoni li dak l-istudent ma kienx omosesswali, il-bicca waqfet hemm. Pero` aktar ma beda ghaddej iz-zmien din il-gibda lejn l-irgiel kompliet u zdiedet. Ghalkemm ghandu relazzjoni tajba ma` ommu, huwa staha li jiftah qalbu maghha jew ma` haddiehor u staha jiehu parir minn qassis. Billi dawn il-gibdiet sesswali ma riedux jitilquh kien waqa` f`depressjoni. Minhabba li kien zmien l-ezamijiet, u kien qed ihossu imhawwad u taht stress kontinwu, iddecieda li jiehu l-parir ta` psikjatra u kellem lil Dr. Etienne Muscat. Wara esami kliniku, Dr Muscat ordnalu kors ta` pilloli u kien irrakkomanda li ma jaghmilx l-ezamijiet. Huwa ddecieda li ma jghidx lill-genituri tieghu li kien mar ghand psikjatarja biex ma jinkwetahomx, u fil-fatt huma baqghu ma saru jafu b`xejn. Bhala fatt l-genituri tieghu ma kienux jifhmu dwar affarijiet ta` edukazzjoni u ghalhekk meta kien qalilhom li ma kienx se jaghmel l-ezamijiet f`Gunju ghaliex ma kienx ippreparat bizzejjed, izda kien se jaghmilhom f`Settembru, qaghdu mad-decizjoni tieghu. Meta kien ghand il-psikjatra, tkellmu dwar l-orjentazzjoni sesswali tieghu u kienu baqghu li kellu jerga` mur ghandu wara xahrejn, izda minhabba l-fatt li l-medicini li kien tah il-psikjatra hallew effett pozittiv fis-sens illi rega` beda gej l-aptit, rega` beda jorqod normali, it-tensjoni u l-ansjeta` naqsu u ma kienx qed ihossu aktar depress, iddecieda li ma jergax imur ikellem lill-psikjatrja.

Kompla jixhed illi minhabba l-fatt li l-gibda lejn l-irgiel baqghet, iddecieda li jaqta` mill-kumpannija ta` irgiel li kien jaf ghaliex hadd minnhom ma kien omosesswali, ma hassux aktar interessat li johrog ma` tfajliet u kien iddecieda li jfittex kumpannija ta` omosesswali. Stqarr illi huwa persuna kwieta u mhux it-tip li jaqbad hbiberija malajr u fil-fatt dam hafna sakemm sar jaf guvni li kien omosesswali. Qaghad xi disa` xhur d-dar izda aktar ma kien jghaddi z-zmien, aktar hassu mdejjaq u depress u hass incertezza kbira f`hajtu. Anke moralment ma kienx qed ihossu f`postu ghaliex huwa persuna religjuza u kellu glieda go fih ghaliex kien ihoss li dawk il-gibdiet ma kienux moralment accettabbli. Baqa` fis-solitudni sakemm ltaqa` ma Mario Borg, li kien omosesswali, u haga li ssorprenditu kienet li ghalkemm hareg numru ta` drabi mieghu, qatt ma kien accetta l-avvanzi sesswali tieghu. Il-fatt li ma riedx ikollu x`jaqsam mieghu sesswalment poggietu f`aktar incertezza u beza li jerga` jaqa` fis-solitudni. In segwitu sar jaf lil Brian Pace tramite Mario Borg. Bi sfortuna sar jaf persuna li kienet imdahhla fil-*house hunting* fi stadju f`hajtu meta kien qed ihoss incertezza kbira u ghalhekk kien verament dghajjef. Meta Pace kien qallu biex imur *house hunting* mieghu u ma` Mario Borg, ma kienx jaf dan x`kien jinvolvi. Mill-bidunett huwa ma ried jiehu xejn u li qisu kien hemm ghan-numru biss. Minhabba l-fatt li Brian kien l-uniku habib li kellu, baqa` jmur mieghu biex ikollu l-kumpannija ta` xi hadd u mhux biex jakkwista xi antikita`. Huwa jghid li kien zamm biss bank u gradenza ghaliex Brian Pace ma kienx ghad fadallu post fid-dar tal-genituri tieghu u ghalhekk sakemm ma sabx post fejn iqeghdhom zammhomlu hu.

Stqarr illi l-istess li kien gara ma` Mario Borg gara ma` Brian Pace fis-sens illi ma kienx jaccetta l-avvanzi tieghu. Fil-fatt darba minnhom Pace kien staqsieh ghaliex kien qed johrog ma` irgiel ohra jekk ma riedx ikollu x`jaqsam maghhom sesswalment. Meta mbaghad fl-ahhar kienu gew arrestati, dik l-esperjenza kellha effett kbir fuqu u hass li kellu jidhol fih nnifsu biex jirrifletti dwar dak li kien gara fit-tlett snin ta` qabel. Irrealizza li kien zbaljat dwar il-percezzjoni tieghu nnifsu u li fil-fatt ma setax ikollu tendenzi omosesswali. L-aktar fatturi li ghinuh biex jasal ghal din il-konkluzzjoni kien li huwa qatt ma hassu komdu li jkollu relazzjoni sesswali ma` Mario u Brian. Ghalhekk rega` beda jfittex il-kumpannija ta` tfajliet u qata` minn ma` Brian. Ghamel kuntatt ma` tfajla li kien ikellem l-Universita u rega` beda jkabbar c-cirku ta` hbieb mill-gdid. Hass li kien qed imur lura ghan-normal.

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud) vs Raymond Zammit et"* jirrizulta li fis-seduta tal-11 ta` Jannar 2011, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-akkuzati kienu ammettew l-akkuzi kif dedotti kontrihom. Il-kawza kien differita ghas-sentenza ghall-14 ta` Jannar 2011. Dakinhar, wara li Qorti rat l-Artikoli 263, 278, 17(b) u 37 tal-Kap 9, sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha, u kkundannat lir-rikorrent ghal prigunerija ta` 19-il xahar li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, il-perijodu gie sospiz ghal 4 snin. L-Avukat Generali appella dwar il-komputazzjoni tal-piena u li l-Qorti tal-Magistrati ma kenitx hadet in konsiderazzjoni d-dispost tal-Artikoli 279 u 280 tal-Kap 9, billi s-serq kien jecceddi l-valur ta` €2,329.37. Ghalhekk il-minimu ta` piena li seta` nghata kien ta` 18-il xahar prigunerija. Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex jixhed ai termini tal-Artikolu 506(c) tal-Kap 9. Wara li qieset li dak kien appell tal-Avukat Generali mhux tad-difiza, il-Qorti cahdet it-talba u ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-appell. L-appell kien deciz fl-4 ta` Lulju 2013 fis-sens illi wara li sabet illi l-minimu ta` prigunerija li l-Qorti tal-Magistrati setghet taghti kien ta` 18-il xahar, illi effettivament irrizulta li r-rikorrenti kien involut fi tlett serqiet u illi s-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati kienet taht il-minimu stabbilit mil-ligi, il-Qorti tal-Appell Kriminali rrevokat il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti u kkundannat lir-rikorrent ghal piena ta` 30 xahar prigunerija.

**Ikkunsidrat :**

**III.** **Sottomissjonijiet**

**i)** **Tar-rikorrent**

Ir-rikorrent ighid illi l-opposizzjoni tal-Avukat Generali ghat-talba tieghu skond l-Art 506(c) tal-Kap 9 sabiex jiddeponi kienet espressament intiza sabiex tostakolah milli juri li dak li jipprovdi l-Art 21 tal-Kap 9 kien potenzjalment applikabbli ghalih, u b`hekk kien ixejjen l-appell tal-Avukat Generali. Huwa ghalhekk li r-rikorrent ezebixxa d-dokumentazzjoni kollha f`dawn il-proceduri kostituzzjonali sabiex jipprova lil din il-Qorti illi tassew kienet tezisti l-potenzjalita` ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 9. Ghalkemm huwa minnu li l-bicca l-kbira tal-kazistika Ewropeja tittratta d-dritt fondamentali tal-akkuzat li jezamina x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, pero` l-principji li johorgu minn dik il-kazistika japplikaw anke ghad-dritt fondamentali tal-akkuzat li jressaq xhieda in difesa.

Isostni r-rikorrent illi l-process penali ghandu jkun karatterizzat minn bilanc processwali sabiex il-garanziji kontemplati b`mod generali fl-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni jkunu jistghu jigu attwati. Jaghmel riferenza ghas-sentenza "**Kostovski v. Holland**" (11454/850) li kienet deciza fl-20 ta` Novembru 1989, li minnha kienet spirata s-sentenza "**Khawaja v. UK**" li kienet deciza fl-20 ta` Jannar 2009. Ghalkemm huwa minnu li dawn is-sentenzi kienu jirrigwardaw d-dritt fondamentali tal-imputat li jesamina x-xhieda tal-prosekuzzjoni, izda l-principji legali li johorgu minnhom japplikaw ghal dan id-dritt baziku li l-akkuzat iressaq x-xhieda in difesa, inkluz illi jiddeponi. Fi process penali, il-qorti kompetenti mhux biss ghandha tassikura li jkun hemm smiegh xieraq, izda ghandha tiggarantixxi li l-ebda parti ma tkun zvantaggjata processwalment. Il-htiega li jinzamm bilanc processwali kienet senjalata fil-kawza "**Sellick et v. UK**" deciza fis-16 ta` Ottobru 2012. Il-Qorti qalet –

*"the counterbalancing measures in place were not sufficient to guarantee a fair trial. Without a proper opportunity to cross-examine the witnesses, the applicants were at a distinct disadvantage."*

Ir-rikorrent jiccita mill-kaz ta` *Khawaja* (op. cit.) fil-kuntest tal-bilanc processwali meta l-Qorti qalet illi dak id-dritt –

*"is an aspect of the right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) … it is one of the minimum rights which must be accorded to anyone who is charged with a criminal offence. As minimum rights the provisions of Article 6(3) constitute express guarantees and cannot be read as it was by the Court of Appeal in Sellick … as illustrations of matters to be taken in account when considering whether a fair trial has been held …"*

Skond ir-rikorrent, dawn il-principji ma gewx osservati mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Minkejja li kien evidenti li l-posizzjoni legali tar-rikorrent kienet se tigi menomata, il-Qorti, minflok assikurat it-twettieq tal-garanziji previsti mill-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, issanzjonat t-tezi tal-Avukat Generali u effettivament imminat il-garanziji previsti minn din id-disposizzjoni, nonostante d-diskrezzjoni wiesgha li l-Artikolu 506(c) tal-Kap 9 jaghti lill-Qorti.

Illi inoltre fil-kaz ta` "**Pello v. Estonia**" deciz fil-10 ta` Dicembru 2007, fejn l-akkuzat ried jingungi in difesa tieghu xhud li kien prezenti fl-Awla waqt is-smigh u l-Qorti kompetenti ma hallietux jiddeponi, l-Qorti Ewropea sabet li dak ir-rifjut kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni.

Skond ir-rikorrent, din il-gurisprudenza ssostni l-lanjanza tieghu.

**ii) Tal-Avukat Generali**

Skond l-intimat, ir-rikorrent ma wiegeb xejn ghall-eccezzjonijiet tieghu.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat eccepixxa illi d-dokumentazzjoni kollha pprezentata mir-rikorrent marbuta mal-isfond psikologiku u karatterjali tieghu hija ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta` l-procediment tal-lum. Dan huwa hekk ghaliex l-kwistjoni li ghandha tigi deciza minn din il-Qorti mhix jekk r-rikorrent minhabba l-istorja tieghu kienx haqqu jew le illi jiehu sentenza ta` habs effettiv, izda jekk il-Qorti ta` l-Appelli Kriminali kenitx kisret il-jedd tieghu ghal smiegh xieraq meta ma laqghetx it-talba tieghu sabiex fl-istadju tal-appell jithalla jixhed skond l-Artikolu 506(c) tal-Kap 9, u jekk b`dik ic-cahda, il-Qorti kenitx tat inkella le xi vantagg procedurali lill-prosekuzzjoni bi ksur tal-principju tal-*equality of arms*.

B`referenza ghal dan l-principju, l-Avukat Generali jirreferi ghas-segwenti sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali : "**Grech vs L-Avukat Generali**" (20 ta` Dicembru 2000), "**Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**"(20 ta` Dicembru 2000), "**Mercieca vs L-Onorevoli Prim Ministru et**" (15 ta` Frar 2005), "**Mintoff vs Avukat Generali**" (14 ta` Marzu 2005), "**Saliba vs Avukat Generali**" (15 ta` Ottobru 2012) u "**Stephens vs Attorney General**" (9 ta` Dicembru 2013).

Fit-tieni eccezzjon, l-intimat isostni li l-materji li ghandhom x`jaqsmu mal-*quantum* jew ix-xorta ta` piena jmorru lilhinn mill-ambitu tas-smiegh xieraq skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kif qalet il--Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Borg vs Kummissarju tal-Pulizija et**"deciza fil-25 ta` Jannar 2013 –

*" … l-quantum tal-piena huwa mholli f`idejn il-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali u, sakemm dak il-quantum ikun fil-parametri li taghti l-ligi ghar-reati li dwarhom tinstab htija, u ghalhekk ma jkunx bi ksur tal-massima nulla poena sine lege, ma huwiex haga mhollija fil-kompetenza ta` din il-qorti."*

Irrefera wkoll ghas-sentenzi "**Grech Sant vs Avukat Generali**" (Qorti Kostituzzjonali – 8 ta` Frar 2010) u "**Seychell vs Onorevoli Prim Ministru et**" (Qorti Kostituzzjonali – 9 ta` Dicembru 2013).

Skond l-intimat, fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi l-piena nflitta mill-Qorti tal-Appell Kriminali tidhol fil-parametri tal-ligi. Ghalhekk m`ghandux ikun koncess li r-rikorrent jipprova jwaqqa` l-piena abbazi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-ammissjoni tar-rikorrent kienet wahda volontarja u ghalhekk ir-rikorrent kien qed jassumi r-responsabilita` kollha ta` dik id-decizjoni nkluz fejn si tratta ta` piena. Il-principju huwa *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur*. L-intimat jirreferi ghas-sentenza tat-22 ta` Novembru 2007 li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs Joseph Scerri**". Ghalkemm ir-rikorrent ighid illi bil-procediment tal-lum mhuwiex qed jipprova jappella mid-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali, effettivament dak huwa li kien qieghed jittenta jaghmel. Ghalhekk b`referenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**St. Paul`s Court Limited vs l-Onorevoli Prim Ministru et**" deciza fil-20 ta` Dicembru 2000, dan tal-lum huwa rikors ghal kollox insostenibbli u guridikament sospett.

Skond l-intimat, ir-rikorrent ma jistax issostni li kien hemm ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq semplicement ghaliex Il-Qorti ta` l-Appelli Kriminali, ma tatx l-awtorizazzjoni li jaghti x-xiehda tieghu a bazi tal-Artikolu 506(c) tal-Kap 9. Dan huwa hekk ghaliex il-ligi stess thalli fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti d-decizjoni jekk ghandhiex tisma` xhieda godda jew le. Ir-rwol tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali huwa li sservi bhala qorti ta` revizjoni fuq dak li jkun diga` sar. F`dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrent quddiem l-Ewwel Qorti kien wera x-xewqa li jressaq xi provi orali jew dokumentarji dwar il-qaghda mentali tieghu bhalma lanqas ma talab li jigi mhejji *pre-sentencing report* fil-konfront tieghu. Ghalhekk ghalkemm il-Qorti ta` l-Appelli Kriminali, skond l-Artikolu 506(c) ghandha diskrezzjoni, dan ma jfissirx illi l-awtorizazzjoni ghandha tinghata b`mod awtomatiku jew leggerment. Ghal kuntrarju permess ghandu jinghata biss f`cirkostanzi specjali u straordinarji. Tal-lum ma kienx kaz ta` din ix-xorta.

L-intimat ighid illi r-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tieghu jishaq hafna li kien importanti li huwa jixhed sabiex juri li kien hemm cirkostanzi specjali ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 9, li kellhom iwasslu ghal piena taht il-minimu rikjest mill-ligi. Izda meta wiehed jara s-sentenza li tat l-Qorti tal-Magistrati, mal-ewwel jintebah li dik il-Qorti ma qisitx li dan kien kaz fejn kellha tapplika l-Art 21. Dan huwa hekk ghaliex sabiex l-Art 21 jigi applikat huwa necessarju *ex lege*, li l-Qorti tindika liema kienu dawk r-ragunijiet specjali u straordinarji li minhabba fihom il-piena kellha tkun taht il-minimu. L-intimat jirreferi ghas-sentenza tal-10 ta` Jannar 2008 li tat il-Qorti tal-appell Ktiminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs Raymond Bugeja**". Ladarba l-Qorti tal-Magistrati ma rrikorrietx ghall-Art 21, ir-rikorrent ma setax jippretendi li dan isir mill-Qorti ta` l-Appelli Kriminali, meta wiehed iqis li ma sarx appell mir-rikorrent sabiex ikun hemm temperament tal-piena ai termini tal-Artikolu 21. Kieku ried r-rikorrent

seta` jappella minn dik is-sentenza ghaliex il-Qorti ma applikatx l-Art 21, u b`hekk il-Qorti ta` l-Appelli Kriminali kien ikollha d-dover li tezamina jekk kienx hemm l-estremi ghall-applikazzjoni ta` ddik id-disposizzjoni. Saret riferenza ghal dak li qalet il-Qorti ta` l-Appelli Kriminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs Nazzareno Borg**"deciza fis 6 ta` Dicembru 2007 –

*" … F`dan is-sens hija limitata t-talba fl-appell tal-Avukat Generali u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkontempla xi forma ta` piena jew provvediment alternattiv ghax dan ikun jezorbita ghal kollox mill-mertu ta` dan l-appell."*

L-intimat jesprimi l-fehma illi fi kwalsiasi kaz, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali xorta hadet konjizzjoni tal-argumenti tar-rikorrent dwar l-applikabilita tal-Art 21 u qieset illi *"kien hemm wisq incidenzi ta` serq biex jigu skartati kappriccjozament."*

Eccezzjoni ohra li nghatat mill-intimat hija li r-rikorrent ma garabx vjolazzjoni tal-*equality of arms*, ghaliex kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza gew trattati bl-istess mod u l-ebda wahda minnhomt ma ressqet provi in sostenn tal-posizzjoni rispettiva taghha.om.

Skond l-intimat, il-gurisprudenza citata mir-rikorrent hija rilevanti biss bhala taghrif dwar il-kuncett tal-*equality of arms* izda l-fattispecje ta` dawk is-sentenzi huma totalment differenti mill-mertu ta` l-kawza tal-lum u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jistrieh fuq dik il-gurisprudenza.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

Mill-atti tal-process kriminali jirrizulta bhala fatt illi r-rikorrent ammetta l-akkuzi quddiem l-Qorti tal-Magistrati. Qabel inghatat is-sentenza u allura qabel kienet inflitta l-piena, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda talba kemm sabiex jixhed hu u kemm ukoll sabiex ghall-fini ta` piena jipproduci provi dwar s-sitwazzjoni psikologika li kien ghaddej minnha. Jirrizulta li fl-ghoti tal-piena, il-Qorti tal-Magistrati ma tatx konsiderazzjoni ghall-Art 21 tal-Kap 9. Jirrizulta li l-Avukat Generali appella mis-sentenza ghar-raguni li fil-fehma tieghu l-komputazzjoni tal-piena kienet zbaljata ghaliex il-Qorti ma kkunsidratx dak li jghidu l-Art 279 u 280 tal-Kap 9. Min-naha tieghu, ir-rikorrent ma appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent talab lil Qorti ta` l-Appelli Kriminali sabiex ai termini tal-Art 506(c) tal-Kap 9 thallieh jiddeponi. It-talba tar-rikorrent kienet respinta. Huwa minhabba dan ir-rigett li r-rikorrent jikkontendi li sar ksur tad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenjoni.

Dwar id-dokumenti li pprezenta r-rikorrent sabiex jaghmel enfasi fuq il-qaghda personali u psikologika difficli li kien ghaddej minnha, il-Qorti tghid illi persuna huwa prekluz milli jirrikorri ghal din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta` appell. Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "**<u>Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" din il-Qorti (**<u>PAK/VDG</u>**) qalet hekk –

*" … F`dana l-paragrafu – riprodott aktar `l fuq f`dina s-sentenza – ir-rikorrenti bazikament qed tallega li l-aggravju sollevat minnha quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali dwar l-inammissibilita` tal-provi dokumentarji gie skartat minn dik il-Qorti. L-intimati jikkontendu, kemm fis-risposta taghhom (ara l-paragrafu 2 tar-risposta, aktar `l fuq f`din is-sentenza) kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, li din il-Qorti – cioe` il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali – m`ghandhiex il-funzjoni ta` "a court of third instance", fis-sens li terga` tirrevedi l-meritu tal-kawza ga deciza finalment mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali.*

*L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m`ghandhiex il-funzjoni ta` qorti ta` appell f`xi grad oghla mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta` din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminati minn dik il-qorti u finalment mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta` din il-Qorti li tirrevedi d-decizzjoni tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta` l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta` xi punt ta` dritt ta`*

*natura strettament penali (bhlama hi, per ezempju, il-kwistjoni ta` l-ammissibilita` o meno ta` certi provi). Il-funzjoni ta` din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll, kieku kien il-kaz, jekk hemmx lezjoni tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 – ara l-Artikolu 16 tal-imsemmi Kap. 276). Kwantu ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit ta` smigh xieraq, hi ormai gurisprudenza pacifika li biex jigi detrminat jekk f`kaz partikolari kienx hemm jew le dan ir-rekwizit, wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita` taghhom (ara, fost decizzjonijiet ohra,* ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru et.*** *Qorti Kostituzzjonali, 18 ta` Awissu, 1998.) Kif jispjegaw l-awturi Harris, O`Boyle u Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (Butterworths (London) 1995) :*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (p. 202).*

*U fl-istess vena, van Dijk u van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw il-punt hekk :*

*"When is a hearing "fair" ? In the Kraska Case 2 the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia:* ***"... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."*** *However, the Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ." (pp. 428-429).*

*Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta` kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq"."*

L-**Art 506 tal-Kap 9** jaqra hekk –

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista`, jekk jidhrilha meħtieg jew espedjenti fl-interessi tal-ġustizzja -*

*a) tordna l-produzzjoni ta` kull dokument, esibit, jew oggett iehor li ghandhom x`jaqsmu mal-kawza, li l-produzzjoni taghhom jidhrilha li huma mehtiega ghad-decizjoni tal-kawza ;*

*b) jekk jidhrilha xieraq tordna lil kull xhieda li setghu jigu obbligati jixhdu fil-kawza biex jidhru ghall-ezami u jigu ezaminati quddiem il-qorti, sew jekk kienu msejjha fil-kawza sew jekk le, jew tordna li l-ezami ta` kull xhieda bhal dawk jsir b`xi mod provdut mil-ligi ; u*

*c) jekk jidhrilha xieraq taccetta x-xiehda, jekk offerta, ta` kull xhud (inkluz l-appellant) li jkun xhud kompetenti izda li ma setax jigi obbligat jixhed fil-kawza u, jekk l-appellant jaghmel rikors ghalhekk, tar-ragel jew tal-mara tal-appellant, f`kazijiet meta x-xiehda tar-ragel jew tal-mara ma setghetx tinghata fil-kawza hlief wara dak ir-rikors, bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 635."*

Ir-rwol ta` din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha huwa li tqis il-proceduri kriminali fit-totalita` taghhom, fis-sens illi tistharreg jekk fil-mod kif kienu kondotti dawk il-proceduri kienx hemm inkella le tad-drittijiet fondamentali. Minn qari tal-Art 506 tal-Kap 9 johrog car illi kien ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali jekk tawtorizzax lir-rikorrent illi jiddeponi. Mhuwiex ir-rwol ta` din il-Qorti li tissindaka l-ezercizzju ta` dik id-diskrezzjoni meta ma rrizultax illi fl-assjem tal-konduzzjoni tal-proceduri kriminali ma rrizultax li kien hemm vjolazzjoni tal-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq. Il-fehma tal-Qorti hija riaffermata mill-fatt illi r-rikorrent ma appellax mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Mhux l-istess ghamel l-Avukat Generali li appella fuq punt ta` dritt li evidentement kien ben fondat meta jitqiesu l-fattispeci tal-kaz. Ladarba l-appell kien tal-Avukat Generali, l-obbligu tal-Qorti kien illi tqis il-lanjanza tal-Avukat Generali kontra s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Ladarba kien kuntent bis-sentenza tal-Ewwel Qorti tant li ma appellax minnha, ir-rikorrent ma jistax jippretendi li rinfaccjat bl-appell tal-Avukat Generali kwazi kwazi jinsisti li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha thallieh jixhed meta lanqas quddiem l-Ewwel Qorti ma ghazel li jixhed qabel l-ghoti tal-piena. Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi fil-konfront tar-rikorrent la kien hemm *inequality of arms* u lanqas xi ksur ta` xi jedd iehor li jaqa` taht il-kappa tad-dritt ghal smigh xieraq.

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2011 fil-kawza "**J.E.M Investments Ltd v. Avukat Generali et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*"Id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma` certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m`hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta` Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi `sewwa` jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."*

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Ottubru 2013 fil-kawza "**Iljazi v. The Former Yugoslav Republic of Macedonia**" il-Qorti ta` Strasbourg qalet –

*1. The Court recalls that the guarantees in paragraph 3(d) of Article 6 are specific aspects of the right to a fair hearing set forth in paragraph 1 of this Article which must be taken into account in any assessment of the fairness of proceedings. In addition, the Court`s primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, 16 November 2010).*

*2. The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law. The Court`s task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted in evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair. In particular, "as a general rule, it is for the national courts to assess the evidence before them as well as the relevance of the evidence which defendants seek to adduce ... Article 6 § 3 (d) leaves it to them, again as a general rule, to assess whether it is appropriate to call witnesses"; that provision "does not require the attendance and examination of every witness on the accused`s behalf: its essential aim, as is indicated by the words `under the same conditions`, is a full `equality of arms` in the matter" (see Perna v. Italy [GC], no. 48898/99, § 29, ECHR 2003-V, and Popov v. Russia, no. 26853/04, § 176, 13 July 2006). Even though it is normally for the national courts to decide whether it is necessary or advisable to call a witness, there might be exceptional circumstances which could prompt the Court to conclude that the*

*failure to hear a person as a witness was incompatible with Article 6 (see ibid, § 179).*

Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Gunju 2000 fil-kawza "**Constantinescu v. Romania**" il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –

*The Court reiterates that the manner of application of Article 6 to proceedings before courts of appeal depends on the special features of the proceedings involved; account must be taken of the entirety of the proceedings in the domestic legal order and of the role of the appellate court therein. Where a public hearing has been held at first instance, the absence of such a hearing may be justified at the appeal stage by the special features of the proceedings at issue, having regard to the nature of the domestic appeal system, the scope of the appellate court`s powers and to the manner in which the applicant`s interests were actually presented and protected before the court of appeal, particularly in the light of the nature of the issues to be decided by it (see the Botten v. Norway judgment of 19 February 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-I, p. 141, § 39).*

*54. Before a court of appeal exercising jurisdiction as to both facts and law, Article 6 does not necessarily guarantee the right to a public hearing or, if such a hearing is held, the right to participate in person in the proceedings (see, for example, the Fejde v. Sweden judgment of 29 October 1991, Series A no. 212-C, pp. 69-70, § 33).*

*55. However, the Court has held that where an appellate court is called upon to examine a case as to the facts and the law and to make a full assessment of the question of the applicant`s guilt or innocence, it cannot, as a matter of fair trial, properly determine those issues without a direct assessment of the evidence given in person by the accused – who claims that he has not committed the act alleged to constitute a criminal offence (see the Ekbatani v. Sweden judgment of 26 May 1988, Series A no. 134, p. 14, § 32).*

*56. Accordingly, in order to determine whether there has been a violation of Article 6 in the instant case, an examination must be made of the role of the Bucharest County Court and the nature of the issues which it was called upon to try.*

*57. The Court reiterates that in the instant case the scope of the Bucharest County Court`s powers, sitting as an appellate court, is set out in Articles 385-15 and 385-16 of the Code of Criminal Procedure. In accordance with Article 385-15, the County Court, sitting as an appellate court, was not required to give a fresh judgment on the merits, but could do. On 10 October 1994 the Bucharest County Court quashed the decision of 18 March 1994 and gave a fresh judgment on the merits. According to the above-mentioned legal provisions, the effect of this was that the proceedings in the Bucharest County Court were full proceedings governed by the same rules as a trial on the merits, with the court being required to examine both the facts of the case and questions of law. The*

*County Court could decide either to uphold the applicant`s acquittal or convict him, after making a thorough assessment of the question of his guilt or innocence, taking fresh evidence if applicable (see paragraph 37 above).*

Illi fil-fattispeci tal-kaz tar-rikorrent, ir-rwol tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali bhala qorti ta` revizjoni kien specifiku u cioe` li jqis l-appell tal-Avukat Generali skond l-aggravji li ressaq. Bil-mod kif ezercitat id-diskrezzjoni taghha skond l-Art 506 tal-Kap 9 fil-konfront tat-talba tar-rikorrent, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ghamlet propju xejn li bih setghet ikkommettiet lezjoni ta` l-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------